MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Numru. 533/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Anthony Cutajar ta‘ 36 sena bin Saviour**
**u Elaine Ann nee Barker, imwieled Salfort**
**l-Ingilterra fl-20 ta‘ Frar, 1966 u residenti Elsav,**
**Triq Amabile Sisner, Fgura detentur**
**tal-karta tal-identita‘ bin-numru 429382 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Cutajar li gie akkuzat talli fil-Fgura nhar il-Hadd 21 ta‘ April, 2002 ghal xi 8.00 p.m. u fil-granet ta‘ wara din id-data u hin:

(a) Bla ordni skond il-ligi ta‘ awtorita‘ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta jew zamm jew issekwestra lil Marlene Paris kontra l-volonta taghha liema delitt huwa aggravat billi l-istess Marlene Paris sofriet offiza fuq il-persuna taghha, kif ukoll giet imgieghla taghmel xihaga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha,
(b) Attenta bil-vjolenza jikkommetti stupru fuq il-persuna ta‘ Marlene Paris billi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ghal dan l-istupru, liema delitt ma giex konsumat minhabba li waqaf minn rajh,
(c) Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car ikkaguna feriti ta‘ natura gravi fuq il-persuna ta‘ Marlene Paris skond kif iccertifika it-tabib Anton Bugeja MD
(d) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas gieh u jweggha bi kliem, b’gesti, b’disinji jew b’xi mod iehor ingurja lil Marlene Paris,
(e) Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car ikkaguna feriti ta‘ natura hafifa fuq il-persuna ta‘ Manuel Fenech skond kif iccertifika t-tabib M. Mallia MD
(f) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta‘ Manuel Fenech, liema ammont ta‘ hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltina (Lm 50) imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10).
(g) Hedded u hebb ghal Marlene Paris u Manuel Fenech sabiex jingurjhom, jinsulentahom, u idejjaqhom,
(h) Akkuzat ukoll talli f’Rahal Gidd fis-26 ta‘ Settembru, 2002 kif ukoll fil-gimghat ta‘ qabel u wara din id-data b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, uza xi infrastruttura jew apparat ta‘ telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu jew

minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew, billi dejjaq lil Marlene Paris.
(i) Barra minn hekk talli sar recidiv skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta‘ Malta sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi fis-26 ta‘ April, 1996 Awla 5 u 26 ta‘ Settembru 1997 Awla 3.
Il-Qorti giet mitluba illi barra tapplika l-pieni stabbiliti skond il-ligi tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’l-istess.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista’ tinstab htija u cioe 87(c)(g), 198, 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 221, 325(a), 252, 339(d)(e), 18, 49, 50, 31, 20, 23 tal-kapitlu 9.

Rat illi Anthony Cutajar ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji fis-seduta tas-26/11/03.

Ikkonsidrat

Illi senjalament ghandu fl-ewwel lok jigi rilevat illi Marlene Paris ghalkemm fil-bidu ta’ dawn il-proceduri kienet iddeponiet dwar l-aggressjoni li hi ffirmat minn taht idejn l-akkuzat, aktar tard fil-mori tal-kawza regghet iddeponiet u rtirat il-kwerela taghha.

Illi Marlene Paris fil-fatt kienet spjegat kif waqt li hi kienet fil-garaxx ma’ habib taghha certu Manuel Fenech, l-akkuzat kien beda jsabbat mal-bieb ta’ dan il-fond. Meta fethulu, ghax hedded li jekk le jkisser il-vettura ta’ Fenech, aggredihom fisikament it-tnejn, billi tahom bil-ponn u bil-helmet li kellu f’idu. Fenech filf-att irnexxielu jahrab mill-garaxx u mar jitlob l-ghajnuna tal-pulizija. Marlene Paris u Manuel Fenech ukoll xhedu dwar il-fatt illi darba li l-akkuzat dahal fil-garaxx huwa sakkar il-bieb u bl-aggressjoni tieghu zamm lil dawn it-tnejn milli jaharbu mill-fond. Fil-fatt skond Fenech hu rnexxielu jizgura lill-

akkuzat sakemm dan kein qed jindirizza l-aggtressjoni tieghu lejn Marlene Paris fi kliemu jghid „...sakemm kien qieghed jaghti lis-Sinjura Marlene jien grejt lejn il-bieb...“ (fol 40).

Kemm Marlene Paris kif ukoll Emanuel Fenech sofrew griehi ta’ natura hafifa, b’mod spjecjali fuq wicchom, mill-aggressjoni lejhom indirizzata mill-akkuzat. Dan jirrizulta ben sew mix-xhieda tat-tobba li ddeponew mic-certifikati esebiti.

Marlene Paris anke xehdet dwar l-aggressjoni ta’ natura sesswali li hi sofriet minn idejn l-akkuzat. Tghid hekk „Qabadni mill-parti tieghi, beda jgebbidni u qalli „Inza halli nirrepjak“ (fol 30). Tghid ukoll: „F’hin minnhom x’hin mort nipprova nohrog, zammni u ntfefghali fuq is-sodda u qalli „Inza halli nirrepjak. Jew issa m’ghadux joghgbok tieghi (ibid). Tghid li kienet bil-hwejjeg „imma gibidli l-jeans, jigifieri jipprova jnizzel daqskemm zammejtu sod jien.“(fol 31). Tghid li hi mill-garaxx ma setghatx tohrog gialadarba ma kellhiex mezz biex tohrog ghax il-hin kollu kellha quddiemha lil Anthony Cutajar. Tghid li kif tipprova tqum, jimbuttaha u jaghtiha.

Xehdet ukoll dwar il-hsara li sofriet tkissir ta‘ zewg mobiles, taghha mixtri versu l-prezz ta‘ hamsa u hamsin lira. Tkellmet ukoll dwar il-hsara li sofriet fil-garaxx, esebiet ukoll ritratti tal-hsara li sofriet fil-garxx (Dok AC7 a fol 38).

Xehdet ukoll dwar is-sensiela ta‘ telefonati li kienet qed tircevi, telefonati li kienu jinqatghu kif tirrispondihom. Telefonati li kienu qed ibezzghu. Fil-fatt dwar dan ittella‘ jixhed certu Emanuel Sammut, haddiem mal-kumpanija Maltacom inkarigat mis-Sezzjoni Malicious Call Tracing. Dan esebixxa Dok EM,li juri varji telefonati li saru ghal landline ta‘ Paris b’mod ripetut u partikolari min-numru 90876796. Ghandu jigi premess li dan in-numru ex admissis jappartjeni lill-akkuzat (vide stqarrija fol 20). F’dan ir-rigward giet esebita l-letter to prosecute mahruga mill-Malta Communications Authority (fol 95) u dan ai termini tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Anthony Cuatjar anke rrilaxxa stqarrija. Fl-istess huwa ammetta illi ghaliex u fuq suspett li l-ex tfajla tieghu kien qed ikollha x’taqsam go garaxx ma‘ certu Emanuel Fenech, huwa ma felahx aktar u beda jhabbat mal-bieb tal-garaxx biex dawn it-tnejn jifthulu. Hekk gara. Jammetti li dahal gol-garaxx u ghalaq il-bieb warajh. Jghid li kif rahom flimkien ma felahx u ntilef minn sensieh u beda jaghtihom bil-ponn. Jghid li kif harab Emanuel hu ghalaq il-bieb tal-garaxx.

Jammetti wkoll li pprova jkollu x’jaqsam sesswalment ma‘ Marlene Paris billi jghid „Iva, pprovajt innehilha l-qalziet ta‘ taht, imma ma komplejtx. Qabel kont qbadtilha l-parti taghha, ghaffigtulha. Waqaft ghax gejt f’sensija...“ (fol 20) Jammetti li ghalkemm il-mira tieghu kienet Marlene, pero‘ lit-tnejn ghamlilhom il-griehi. Spjega illi dan kollu huwa ghamlu ghaliex Paris kisret ir-realazzjoni ta‘ bejniethom ghax kellha wicc haddiehor.

Dwar it-telefonati anonimi jghid li kien veru illi huwa kien icemple ta‘ spiss lil Paris, pero‘ qatt ma ghamel telefonati anonimi, anzi kien icempel biex forsi jerghgu jirrangaw u biex jara lit-tfal.

Punt iehor li ghandu, anzi li kellu impatt fuq id-decizjonit ta‘ din il-Qorti kienu l-ittri esebiti li l-akkuzat fil-fatt baghat lil Marlene Paris Dok AC5, AC6 a fol 38 u Dok MP a fol 66. Dawn l-ittri ghandhom kontenut ferm inkwetanti u fil-fehma ta‘ din il-Qorti juru l-ossessjoni li l-akkuzat kellu lejn Paris u l-intenzjoni aggressiva lejha, tant li anke jheddidha b’hajjitha.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok l-akkuzat ammetta fl-istqarrija tieghu illi huwa sawwat kemm lil Marlene Paris kif ukoll lil Emanuel Fenech. Ammetta wkoll illi ried ikollu x’jaqsam sesswalment ma‘ Paris, (dan kontra l-volonta‘ taghha), tant li ta bidu ghal dan il-hsieb b’diversi atti maghmula fuq il-persuna ta‘ Marlene Paris, kif minnu wkoll deskritti fl-istqarrija tieghu. Jirrizulta wkoll illi dawn l-atti kienu

akkompanjati bi vjolenza. Irrizulta wkoll li l-akkuzat attakka lil Paris u lil Fenech gol-garaxx ta‘ Paris u ghalhekk saret go fih xi forma ta‘ hsara. Irrizulta wkoll illi fil-glieda jew ahjar attakk li l-akkuzat effettwa fuq Paris u Fenech, inkisru wkoll zewg mobiles wiehed ta‘ Paris u l-iehor ta‘ Fenech. Illi skond Marlene Paris il-mobile distrutt taghha kellu l-valur ta‘ hamsa u hamsin lira Maltija (Lm 55).

Irrizulta wkoll illi minn dan l-incident, kemm Paris kif ukoll Galea sofrew griehi ta‘ natura hafifa.

Fil-konfront ta‘ l-akkuzi taht il-Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta‘ Malta, jirrizulta illi verament l-akkuzat ghamel diversi telefonati lil Marlene Paris kif jirrizulta mill-istqarija tieghu kif ukoll mid-dokument EM a fol 82 u 83. Pero‘ l-fatt per se li saru dawn it-telefonati, ma jfissirx li kien la anonimu u lanqas li sar xi uzu illecitu mill-akkuzat tal-mobile tieghu kontra l-Kapitlu 399. Fil-fatt huwa stess jghid illi kien ta‘ spiss icempel lil Paris biex isaqsi fuq uliedhom. Ghalhekk Anthony Cutajar mhux hati tar-reat addebitat taht dan il-Kapitlu.

Daqstant iehor jirrizulta mill-provi illi l-akkuzat zamm kontra l-volonta taghhom, cioe ssekwestra gol-garaxx lil Paris u lil Fenech.

Ghalhekk tenut dak kollu premess din il-Qorti qeghda ssib lil Anthony Cutajar hati tas-segwenti reati cioe dak taht l-artikoli 87, 198, 41, 252 u 399 (d)(e) u 325 u 221 tal-kapitlu 9.

In kwantu ghal feriti hfief u danni kkagunati lil Marlene Paris stante r-rinunzja taghha qed jigi dikjarat procediment ezawrit. Fil-fatt il-htija taht l-artikolu 325 tal-Kapitlu 9 hawn fuq imsemmi hija limitata ghad-dannu li sofra Emmanuel Fenech fil-mobile tieghu, danni konsiderati fil-minimu stante li ma ngabet ebda rcevuta ta’ l-istess, pero‘ certament il-minimu li trid il-ligi dan il-mobile zgur jiswa. L-istess argument japplika fir-rigward tal-htija misjuba taht l-artikolu 221 tal-Kapitlu 9, anke hawn il-htija hija biss fil-

konfront tal-feriti ta‘ natura hafifa sofferti minn Emmanuel Fenech.

Dwar il-piena, rat illi fl-ewwel lok ghalkemm Anthony Cutajar gie addebitat bir-recidiva (artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9), ebda sentenza f'dan ir-rigward ma giet esebita. Illi ghalhekk il-Qorti fl-ghoti tal-piena mhux se tapplika dak li hemm provdut fl-artikol 31 tal-Kapitlu 9 fil-konfront tar-recidiva.

Illi pero‘ stante l-gravita‘ tar-reati kommessi b'mod specjali fuq il-persuna ta‘ Marlene Paris jimmeritaw certu hsieb dwar il-piena.

Il-Qorti rat ukoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp. P. Micallef Grimaud vs Gide Idris Mahder (5/06/06).

Illi fil-kaz li se jigi citat l-akkuza kienet dik ta‘ attentat vjolenti ghal pudur ghalkemm il-Qorti in ezami tal-fatti prodotti (xi ftit simili fil-vjolenza u sekwestru ghal kaz in dizamina), kienet tal-fehma li ezistew l-elementi materjali kostituttivi tar-reat aktar gravi u cioe dak ta‘ tentattiv ta‘ stupru vjolenti.

Qalet hekk il-Qorti dwar il-piena:

„Illi mbaghad wiehed irid jikkonsidra wkoll illi oltre t-tentattiv vjolenti ghall-pudur, VH giet ukoll imsawta mill-appellat, ghaliex ma ghamlitx dak li riedha taghmel, tant li garrbet offizi ta‘ natura hafifa ... Il-Qrat ripetutament irritenew li:

l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta‘ prigunerija b'effett immedjat“ (Appell Kriminali Ir-Repubblika ta‘ Malta vs Noel Mizzi (15/12/2005).

Ghaldaqstant rat ukoll l-artikolu 17, 18 u 31 tal-Kapitlu 9, tikkundanna lil Anthony Cutajar ghal piena karcerarja ta‘ tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------